# L-1995: SENA TA' ANNIVERSARJI IMPORTANTI GĦALL-ISLA

## Tifkira ta' żewġ Sengleani li ġġieldu għad-drittijiet tal-Maltin

**minn James Farrugia B.A. (Hons)**



*Ġorġ Mitrovich*

**Ġorġ Mitrovich, 1795-1885**

Propju din is-sena taħbat it-tieni ċentinarju mit-twelid ta' Ġorġ Mitrovich, li twieled ġo l-Isla fl-1795. Mitrovich kien wieħed mill-pijunieri li stinkaw biex Malta tingħata xi forma ta' Kunsill ta' Gvern li fih jinkludi ukoll xi Maltin. B'hekk nistgħu ngħidu li kien bniedem minn tal-bidunett li ġġieled għad-drittijiet kostituzzjonali ta' Malta. B'hekk aħna s-Sengleani għandna nkunu kburin bil-ħidma ta' patrijott Malti bħal ma kien Mitrovich.

**Bniedem li għex taħt Tliet Saltniet**

Ġorġ Mitrovich mindu twieled sakemm miet għex taħt tlett ħakmiet barranin (għalkemm forsi l-ewwel tnejn qajla jiftakarhom għax kien għadu biċċa ta' tifel). Laħaq l-aħħar żmien ta' l-Ordni f'Malta (mill-1795 sa l-1798). Laħaq il-wasla tal-Franċiżi f'Malta u għex fi żmien l-irvell u l-imblokk kontra l-Franċiżi (ma ninsewx li Mitrovich kien joqgħod f'waħda mill-ibliet tal-Kottonera, li flimkien mal-Belt Valletta kienu magħluqa mill-Franċiżi u b'hekk baqgħu taħt assedju mill-Maltin). Għex il-mument li l-Franċiżi iffirmaw il-kapitulazzjoni fl-1800 permezz tal-Kmandant tagħhom Vaubois, u ftit wara ħallew Malta. Iżda żgur l-iktar ħakma li ħalliet impatt fuq iż-żagħżugħ Mitrovich, speċjalment fit-tfulija u l-adoloxxenza tiegħu, kienet dik Brittanika. Mill-1800 sa 1814 l-Ingliżi kienu dejjem bit-tir li jibqgħu Malta (għalkemm kienet għadha ma saritx kolonja tagħhom sa dak iż-żmien), bi prudenza ma ridux jurtaw lil Maltin, speċjalment f'dak li kellu x'jaqsam mad-drittijiet tagħhom. Fil-fatt fl-1802, wara t-Trattat t'Amiens, li ma tantx niżel tajjeb mal-Maltin għax Malta kienet se tiġi mogħtija lura lill-Ordni ta' San Ġwann, ir-rappreżentanti tal-Maltin iffirmaw d-dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-Maltin.[1] B'hekk dan kien l-ewwel pass kollettiv ta' politiċi Maltin flimkien li ġġieldu għad-drittijiet tagħhom. Fl-ewwel snin tas-seklu dsatax nies bħal Willan Eton iddefendew id-drittijiet tal-Maltin. Fl-1812 il-Kuruna Ingliża ngħatat Kummissjoni rjali biex tistudja l-qagħda politika ta' Malta. Fiż-żgħożija tiegħu Ġorġ Mitrovich laħaq ukoll pass importanti fl-istorja ta' pajjiżna u li ħalla mpatt għall-aktar minn 150 sena oħra; meta wara l-Kungress ta' Vjenna u t-telfa ta' Napuljun, fit-Trattat ta' Parigi fl-istess sena, il-gżejjer Maltin uffiċjalment ġew ddikkjarati kolonja tal-Kuruna Brittanika[2] u f'Malta kellna l-ewwel gvernatur li kien Sir Thomas Maitland. Dan kien Gvernatur li ried li tgħaddi biss ta' rasu u l-ġlieda għad-drittijiet tal-Maltin ħadet daqqa ta' ħarta u waqfet ħesrem.

(ikompli f'paġna 37)

**Mitrovich fl-għoxrinijiet u fit-tletinijiet tas-seklu dsatax**

Mitrovich minn mindu kien żagħżugħ qatta' bosta snin minn ħajtu bħala skrivan ma' kumpaniji kummerċjali Ngliżi. Dan waslu biex 'il quddiem iwaqqaf in-negozju tiegħu. Fil-fatt Mitrovich kien magħruf bħala wieħed minn negozjanti ewlenin ta' Malta. Dak li kien beda Eton komplewh Mitrovich u sħabu li waqqfu il-**Comitato Generale Maltese** fl-1832. Matul l-amministrazzjoni tal-Gvernatur Ponsonby (1827-36) Mitrovich flimkien ma' Camillo Sciberras u patrijotti oħra Maltin ippreżentaw petizzjoni lill-Gvern Ingliż fuq l-ilmenti tal-Maltin. F'din il-petizzjoni li saret f'Mejju 1832, Mitrovich, u sħabu saħqu fuq il-bżonn li l-Maltin ikollhom gvern rappreżentattiv tagħhom. Malta ngħatat il-kostituzzjoni tal-1835, b'Kunsill nominat mill-Gvernatur minn seba' membri. Din il-forma ta' Kunsill ma ntgħoġbot xejn minn Mitrovich u sħabu (kienet biss twaqqif ta' Kunsill li jkun jista' jagħti parir lill-gvernatur) tant li f'Lulju 1835 Mitrovich stess bi spejjez tiegħu tela' Londra sab l-għajnuna ta' membru parlamentaru Ingliż, il-Liberali William Ewart. Kemm dan Londra, Mitrovich ippubblika ktejjeb jismu **"The Claims of the Maltese Founded upon the Principles of Justice"**[3] li kien jisħaq fuq il-bżonn għal titjib fis-sistema amministrattiva mħaddna f'Malta. F'dan il-ktieb Mitrovich ikkritika l-fatt li l-privileġġi li kienu jgawdu l-Maltin minn żminijiet antiki inqerdu wieħed wieħed, u anki sfortunatament taħt il-ħakma Ingliża kien ġara l-istess partikolarment wara t-tmexxija tal-Gvernatur Thomas Maitland li ggverna lil Malta mill-1813 sal-1824. B'riżultat ta' din il-ħidma kollha ta' Mitrovich, fl-1836 intbagħtet kummissjoni Irjali f'Malta u li ssuġġeriet għadd ta' riformi fosthom l-introduzzjoni tal-libertà ta' l-istampa, li seħħet tliet snin wara fl-1839 taħt il-Gvernatur Sir Henry Bouverie. Mitrovich baqa' attiv fil-politika anki wara l-għoti tal-Kostituzzjoni tal-1849 li sa ċertu punt nistgħu ngħidu li ssodisfat wieħed mill-punti prinċipali li hu u sħabu kien ilhom jisħqu fuqu: li l-Maltin ikollhom xi forma ta' rappreżentanza f'Kunsill ta' Gvern għal gżiritna.

**Ir-riżultati tal-pressjoni ta' Mitrovich, fuq il-Kuruna Ingliża**

1. Il-Kummissjoni Rjali mibgħuta f'Malta fl-1836 biex tirrevedi l-qagħda politika f'Malta wara l-għoti tal-Kostituzzjoni tal-1835.[4]

2. Fl-1839 ġiet imneħħija iċ-ċensura[5] u bdew jidhru l-ewwel gazzetti f'Malta xi xhur qabel ma ġiet proklamata uffiċjalment il-libertà ta' l-istampa li kissru l-monopolju tal-Gazzetta tal-Gvern (li ġiet introdotta fl-1813) u publikazzjoni oħra bil-Franċiż. Xi wħud minn dawn il-gazzetti kienu jinkludu fost l-oħrajn **Il Portafoglio Maltese** u **Lo Spettore Imparziale**[6] (bit-Taljan), **The Harlequin** (bl-Ingliż) u **Il Kaulata Maltia** u **Bertoldu** (bil-Malti).[7] Il-libertà ta' l-istampa kien pass importanti li għen l-iżvilupp tal-ġurnaliżmu f'Malta fejn wieħed seta' jagħti l-opinjoni tiegħu fil-pubbliku.



*Is-Simbolu ta' l-Imperu Ingliż f'Malta.*

Gorg Mitrovich tista' tgħid uża ħafna mill-enerġija li kellu għall-kawża politika ta' Malta. Għalkemm forsi li l-kisbiet tiegħu jidhru ftit, kienu sinjifikanti għax wittew it-triq għal iktar drittijiet u libertajiet għall-Maltin. Grazzi għal dan il-bniedem li twieled ġewwa beltna. Forsi l-iktar silta li tolqotni fil-ktieb li ppublika f'Londra li semmejna iktar il-fuq, huwa dan li ġej (minħabba li l-ktieb kien bl-Ingliż qlibt din is-silta għal Malti):

*(ikompli f'paġna 39)*

*"Li kieku kelli nikteb kull sofferenza tal-poplu Malti ma nispiċċa qatt. Miċħuda mil-libertà, mid-drittijiet tagħhom, bil-privileġġi tagħhom sospiżi jew mhux meqjusa mingħajr ebda rappeżentant tagħhom lejn min jistgħu jirrikorru, ridotti għal stat miżeru u ta' faqar, ċertu element ta' skontentizza qiegħed jiddomina. Il-Maltin jidhru li huma nies kalmi, ubbidjenti u kwieti. Min u fejn tinsab dik il-persuna li tixtieq tkompli din is-sistema ta' ripressjoni, u min jażżarda jmeri l-veritajiet li ntqalu hawn? Hallih jiġi quddiemna jekk jeżisti dan ix-xi ħadd, aħna ninsabu lesti li niffaċjawh."*[8]

Minn din is-silta ta' Mitrovich naraw is-sens kbir ta' patrijottiżmu ġo fih u x-xewqa li ma jkomplix jara lill-poplu Malti jbati. Mitrovich miet fl-età venerabbli ta' 90 sena fl-1885 (proprju 110 sena ilu.)

**Mons. Ignazio Panzavecchia, 1885-1925**

L-1995 ma taħbatx biss it-tieni ċentinarju mit-twelid ta' Gorg Mitrovich imma taħbat ukoll is-sebgħin sena mill-mewt ta' Mons. Ignazio Panzavecchia.



*Mons. Ignazio Panzavecchia*

**Min kien Ignazio Panzavecchia**

Mons. Ignazio Panzavecchia twieled fl-Isla fl-1855 (140 sena ilu). Panzavecchia jibqa' magħruf għas-sehem li ta fil-politika Maltija. Apparti li kien ekkleżjastiku, Panzavecchia jibqa' magħruf bħala patrijott u difensur qalbieni tal-jeddijiet tal-Maltin. Tfaċċa bi prominenza fil-politika (ma rridux ninsew li membri tal-kleru dak iż-żmien setgħu jikkontestaw elezzjonijiet politiċi - Il-Kuntest tal-partiti politici dak iż-żmien kien differenti minn dak ta' llum) fis-snin disgħin tas-seklu l-ieħor, l-ewwel flimkien ma' Sigismondo Savona fil-**Partito Popolare**[9] u wara fl-1905 kellu sehem fit-twaqqif tal-**Associazzione Politica Maltese** (A.P.M.) flimkien ma Fortunato Mizzi (F'dawk iż-żmijijiet lejn l-aħħar tas-seklu l-ieħor kienet qamet fost l-oħrajn il-kwistjoni mal-Gvern Ingliż rigward iż-żwiġijiet mħallta f'Malta).

Fl-1911 waqqaf il-kumitat Patrijottiku Malti[10], fost politika ta' astensjoni u l-kontra. Fil-fatt kien hemm żewġ fazzjonijiet fl-A.P.M., waħda favur l-astensjoni mill-interventi fil-Kunsill tal-Gvern bħala protesta tat-tneħħija tal-Kostituzzjoni Knutsford tal-1887 u li ġiet mibdula f'dik Chamberlain tal-1903 li tefgħetna ħamsin sena lura; u l-fazzjoni l-oħra favur il-ko-operazzjoni ma' l-Ingliżi. F'dan iż-żmien il-gruppi politiċi bdew jiżdiedu bil-kotra. Il-Gwerra l-Kbira ta' 1914 sa 1918 naqset daqsxejn l-attività tagħhom (għalkemm mhux għal kollox). Iżda naħseb li l-iżvolta (turning point) ġrat wara l-irvellijiet tas-**Sette Giugno**, fl-1919, li fihom inqatlu xi Maltin. Wara dan l-episodju iswed fl-istorja kolonjali tagħna, l-Ingliżi ma kienx baqgħalhom triq oħra għajr li jagħtuna Kostituzzjoni ġdida, biex jikkalmaw il-qiegħa. Il-Kostituzzjoni Amery tal-1921 kienet l-aħjar waħda li tawna l-Ingliżi sa dak iż-żmien fejn, fost l-oħrajn, taw lill-Maltin id-dritt li jmexxu l-affarijiet interni huma stess, filwaqt li kwistjonijiet ta' sigurtà u politika barranija tieħu ħsiebhom il-Kuruna Ingliża (il-materji riservati): Din is-sistema hi magħrufa bħala id-dijarkija (għax kien hemm żewġ tipi ta' tmexxija)[11] - Dawn iż-żewġ tipi ta' tmexxija kienu inkorporati fil-persuna tal-Gvernatur. Din il-Kostituzzjoni kellha twaqqaf żewġ kmamar, waħda msejħa is-senat u l-oħra l-Assemblea Leġislattiva.

Mons. Panzavecchia kellu sehem importanti f'din l-ewwel elezzjoni, bit-twaqqif tal-U.P.M. (Unione Politica Maltese) li kien wieħed mill-ħafna partiti li ffurmaw ħekk kif ingħatat din il-Kostituzzjoni li ħalliet għall-ewwel darba ċertu element ta' awtonomija, anki jekk fuq affarijiet interni biss. Mons

*(ikompli f'paġna 41)*

Panzavecchia u l-Partit tiegħu rebħu l-elezzjonijiet tal-1921 billi ġab maġġoranza relattiva fl-Assemblea Leġislattiva, ggverna bil-kollaborazzjoni tal-Partit Laburista (li kien għadu kif twaqqaf) immexxi minn Willie Savona (it-tifel ta' Siġismondo). B'hekk il-Partit ta' Panzavecchia (l-U.P.M.) kien l-ewwel Partit fil-Gvern bl-akbar numru ta' siġġijiet (14).

Mons. Panzavecchia talab lill-Gvernatur Plumer biex dan jagħti l-kariga lil Joseph Howard[12], peress li hu kien saċerdot u ma xtaqx jokkupa kariga daqshekk għolja fil-pajjiż (bħal ma kienet dik ta' Prim Ministru). Il-Gvernatur aċċetta u Joseph Howard b'hekk sar l-ewwel Prim Ministru ta' Malta. Mons Panzavecchia baqa' biss jokkupa kariga fis-senat.

Mons. Ignazio Panzavecchia baqa' jokkupa l-kariga ta' Senatur sakemm miet nhar l-20 t'Awissu 1925. L-għoxrinijiet ta' dan is-seklu kienu karatterizzati minn għadd ta' koalizzjonijiet (jiġifieri għaqdiet) bejn il-Partiti Politiċi Maltin. Il-Partit ta' Panzavecchia, l-U.P.M. messitu l-istess xorti għax ftit wara (sena wara li miet) fl-1926 l-U.P.M. ingħaqad mal-Partito Democratico Nazzjonalista (P.D.N.) u ffurmaw il-Partit Nazzjonalista mmexxi minn Sir Ugo Mifsud.

Ignazio Panzavecchia bħal Ġorġ Mitrovich kien patrijott u politiku ieħor Malti li għamel ġieh lil pajjiżna u lill-Isla, fi żminijiet ibsin tal-ħakma kolonjali Ingliża, ċertament nies bħal Ġorġ Mitrovich u Mons. Panzavecchia (it-tnejn Sengleani) taw kontribut siewi fl-iżvilupp tal-mixja kostituzzjonali ta' Malta li fl-aħħar mill-aħħar wasslet lil pajjiżna lejn is-sovranità tagħha, ta' pajjiż ħieles mill-ktajjen tal-Kolonjaliżmu.

---

**Referenzi**


1. Dokument fuq id-dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-abitanti ta' Malta u għawdex f'paġni 55-56, fil-ktieb ta' Henry Frendo: *Maltese Political Development 1798-1964: A Documentary History*, Interprint, 1993.
2. Fuq it-Trattat ta' Pariġi ara Dokument 20 fil-ktieb ta' Henry Frendo f'paġni 64-65.
3. Ara siltiet mill-ktieb ta' Mitrovich f'Dokument 22 f'paġni 66-70 tal-istess ktieb ta' Henry Frendo.
4. Ara Dokument 24 fuq il-Proklama tal-Kostituzzjoni tal-1835 f'paġni 88-9 tal-ktieb ta' Henry Frendo.
5. Ara Domument 25 fuq il-Proklama tal-libertà ta' l-istampa tal-1839 f'paġni 90-1 tal-ktieb ta' Henry Frendo.
6. Ara Dokumenti 26 u 27 fuq l-ispecimen ta' gazzetti fil-ktieb ta' Henry Frendo, f'paġni 91-95.
7. Joseph F. Grima, *Printing and Censorship in Malta 1642-1839*, Malta (1991), p. 80.
8. Ara Dokument 22 tal-Ktieb ta' Henry Frendo f'paġna 69.
9. Michael J. Schiavone, *L-Elezzjonijiet f'Malta 1849-1992-Storja Fatti u Ċifri*. PIN. (1991)p. 49.
10. Ibid, p. 49.
11. Brian Blouet, *The Story of Malta*, Progress Pres (1987), p. 181.
12. Schiavone, *op.cit*, p.73.


**Biblijografija**


1. Blouet Brian, **The Story of Malta**, Progress Press, 1987
2. Frendo Henry, **Maltese Political Development 1798-1964: A Documentary History,** Interprint, 1993 (A Compilation of Documents).
3. ............, **Maltese Journalism 1838-1992, A Historical Overview,** Press Club Publications, 1994.
4. Grima Joseph, **Printing and Censorship, 1642-1839**, Valletta Publishing, 1991.
5. Mallia-Milanes Victor (ed), **The British Colonial Experience 1800-1964, The impact on Maltese Society**, Mireva, 1988.
6. Schiavone Michael, **L-Elezzjonijiet f'Malta 1849-1992-Storja Fatti u Ċifri.** P.I.N, 1992


*N.B. Ir-Ritratti li ntużaw f'dan l-artiklu ġew meħuda mill-Pubblikazzjoni HERITAGE.*